MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru 596/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
**OMMISSIS X**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ommissis X, iben Ommissis imwieled Pieta’ fl-Ommissis, residenti Ommissis u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru Ommissis.

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-15 ta’ Frar 2009, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, meta b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn

Malta, kiseb jew kellu fil-pussess tieghu ritratti, filmat, *video recording* jew xbieha eletronika ndecenti juru persuni taht l-eta' li ma kienux ghalqu d-disa' snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 19 ta' Mejju 2010 (a fol.5);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Ommissis X** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208A, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal **sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2).** In oltre', tqieghedu taht Supervision Suspended Order ghal perjodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikologa Roberta Holland ghal perijodu ta' sena (1), b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Roberta Holland.

In oltre', l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-hard drives li kienu jikkontjenu l-materjal pronografiku illi gew elevati u ezebiti mill-prosekuzzjoni f'dawn l-atti.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Roberta Holland.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa netta u in vista tal-rezultanzi tar-rapport Dok.SD mill-Pulizija tas-Cyber Crime Unit illi juru illi l-imputat kien mahkum b’mod sostanzjali ta’ dan il-vizzju mistkerr

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------